



Brussell, 15 ta' Jannar 2020
(OR. en)

5174/20

AGRI 10
ENV 16
CLIMA 8

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura / Kunsill
Nru dok. Cion:	15051/19 + ADD 1
Suġġett:	Il-Patt Ekoloġiku Ewropew - aspetti agrikoli - Skambju ta' fehmiet

1. Bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet bejn il-Ministri dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") fis-27 ta' Jannar 2020, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument tal-Presidenza flimkien ma' xi mistoqsijiet biex jgħinu fl-istrutturar tad-diskussjoni.
2. Il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura huwa mistieden jieħu nota tad-dokument tal-Presidenza u jgħaddih lill-Kunsill għall-iskambju ta' fehmiet.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew - aspetti agrikoli**Dokument tal-Presidenza**

1. F'Diċembru 2019 il-Kunsill Ewropew approva l-oġġettiv li sal-2050 tinkiseb UE b'impatt newtrali fuq il-klima, f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. F'dan l-istadju, Stat Membru wieħed ma setax jimpenja ruħu li jimplimenta dan l-oġġettiv sa fejn jikkonċernah, u l-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dan il-punt f'Ġunju 2020.
2. Fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" f'Diċembru 2019, matul id-diskussjoni dwar ir-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) futura, ħafna ministri semmew b'mod espliċitu l-Patt Ekoloġiku Ewropew, anki fil-kuntest ta' finanzjament adegwat tal-PAK futura. F'April, Lulju u Novembru 2019, il-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" kellu dibattiti dwar l-aspetti ambjentali u relatati mal-klima tal-PAK ta' wara l-2020¹.
3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2018 "Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima" stabbilixxiet viżjoni dwar kif tinkiseb newtralità klimatika sal-2050. F'Mejju 2019 il-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" kellu skambju ta' fehmiet dwar l-aspetti agrikoli ta' din il-komunikazzjoni². Barra minn hekk, il-laqgħa informali tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" f'Settembru 2019 kienet marbuta mal-kontribut tal-agrikoltura għall-oġġettivi klimatiċi sal-2050 u l-Ministri kellhom diskussjoni bbażata fuq id-dokument tal-Presidenza "It-tfassil mill-ġdid tar-rwol tal-bdiewa fl-azzjoni klimatika - Il-promozzjoni tal-biedja sostenibbli permezz tal-assimilazzjoni tal-karbonju fil-ħamrija". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

¹ 8359/19, 10622/19, 14051/19.

² 7672/19 REV 2, wk 6127/2019.

4. Fil-11 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"³, li tistabbilixxi strateġija ġdida għat-tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u għanja b'impatt newtrali fuq il-klima li tkun moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva. Hija tipproponi firxa wiesgħa ta' azzjonijiet f'oqsma differenti ta' politika taħt l-intestaturi elenkati hawn taħt, flimkien ma' skeda ta' żmien indikattiva għall-miżuri kollha, li huma marbutin flimkien mill-qrib u jeħtieġu approċċ olistiku.
- Ambizzjoni klimatika
 - Enerġija nadifa, affordabbli u sigura
 - Strateġija industrijali għal ekonomija nadifa u ċirkolari
 - Mobbiltà sostenibbli u intelliġenti
 - L-ekoloġizzazzjoni tal-PAK / l-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"
 - Il-preservazzjoni u l-protezzjoni tal-bijodiversità
 - Lejn ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi
 - L-integrazzjoni tas-sostenibbiltà fil-politiki kollha tal-UE
 - L-UE fuq quddiem fid-dinja
 - Ħidma flimkien - Patt Klimatiku Ewropew
5. Fil-Komunikazzjoni huwa enfasizzat li l-azzjonijiet u l-politiki kollha tal-UE ser ikollhom jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u li ser tkun meħtieġa koordinazzjoni intensiva biex jiġu sfruttati s-sinerġiji disponibbli fl-oqsma kollha ta' politika. Skont il-Komunikazzjoni, biex jitwettagħ il-Patt Ekoloġiku Ewropew, hemm bżonn li jitfasslu mill-ġdid il-politiki għall-provvista ta' enerġija nadifa fl-ekonomija, l-industrija, il-produzzjoni u l-konsum, l-infrastruttura fuq skala kbira, it-trasport, l-ikel u l-agrikoltura, il-konstruzzjoni, it-tassazzjoni u l-benefiċċji soċjali.
6. Taħt il-kapitolu "Mill-Għalqa sal-Platt" tal-Komunikazzjoni, huwa enfasizzat li l-bdiewa Ewropej huma kruċjali għall-ġestjoni tat-transizzjoni. L-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt għandha ssaħħa l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, jipproteġu l-ambjent u jippreservaw il-bijodiversità. Il-PAK għandha tibqa' waħda mill-għodod ewlenin biex jiġu appoġġati dawn l-isforzi filwaqt li jiġi żgurat għajxien deċenti għall-bdiewa u l-familji tagħhom. Il-proposti tal-Kummissjoni għall-PAK mill-2021 sal-2027 jistipulaw li mill-inqas 40 % tal-baġit ġenerali tal-PAK għandu jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika.

³ 15051/19 + ADD 1.

7. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tenfasizza r-rwol tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali għall-agrikoltura fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku u l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt biex jikkontribwixxu għaż-żieda fl-użu ta' prattiki sostenibbli, bħall-agrikoltura ta' preċiżjoni, il-biedja organika (inkluż il-ħtieġa li tizzied iż-żona li taqa' taħt il-biedja organika), l-agroekoloġija, l-agroforestrija u standards aktar stretti dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, miżuri bħall-ekoskemi għandhom jippremjaw lill-bdiewa għal prestazzjoni ambjentali u klimatika mtejbja, inkluż il-ġestjoni u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju fil-ħamrija, l-użu ta' prodotti alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti u l-ġestjoni mtejbja tan-nutrijenti biex titjieb il-kwalità tal-ilma u jitnaqqsu l-emissjonijiet.
8. L-għan tal-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt huwa li tikkontribwixxi biex tinkiseb ekonomija ċirkolari, kif ukoll li tnaqqas l-impatt ambjentali tal-ipproċessar tal-ikel u tas-setturi tal-bejgħ bl-imnut billi tittieħed azzjoni dwar it-trasport, il-ħżin, l-imballaġġ u l-iskart tal-ikel. Skont il-Kummissjoni, l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt ser tinkludi wkoll proposti biex tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur.
9. Skont il-pjan direzzjonali għall-azzjonijiet ewlenin li jakkumpanjaw il-Komunikazzjoni, l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt ser tiġi ppubblikata fir-rebbiegħa tal-2020 u bejn l-2020 u l-2021 ser issir analiżi tal-abbozz tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali, b'referenza għall-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt.
10. Flimkien mal-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, il-Komunikazzjoni tiddekrivi diversi azzjonijiet oħra li x'aktarx jinkludu aspetti ta' interess għas-settur agrikolu, bħal dawn li ġejjin: "Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima" (Marzu 2020), Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (Ġunju 2020), riformi leġislattivi dwar l-iskart fil-qafas tal-ekonomija ċirkolari (mill-2020), valutazzjoni ta' fjuwils alternattivi sostenibbli (mill-2020), l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità għall-2030 (Marzu 2020), l-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti (2020), il-Pjan ta' azzjoni ta' tniġġis zero għall-ilma, l-arja u l-ħamrija (2021), u l-Mekkaniżmu ta' Transizzjoni Ġusta (Jannar 2020).
11. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tiżviluppa viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali bil-għan li ttejjeb l-opportunitajiet tagħhom fl-ekonomija ċirkolari u fil-bijoeconomija.

12. Il-PAK diġà mxiet minn enfasi inizjali fuq is-sigurtà tal-ikel u l-introjt tal-bdiewa biss għal sett usa' ta' objettivi, inkluż il-provvista ta' ikel tajjeb għas-saħħa b'mod li jkun sostenibbli. Jeħtieġ li l-agrikoltura tikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi tal-UE lejn l-2050 u din għandha tkun parti mis-soluzzjoni. Fl-istess ħin, ir-rwol ewlieni tal-bdiewa Ewropej - biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel - m'għandux jintesa. Għalhekk, hemm bżonn ta' approċċ ibbilanċjat.
13. Fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tas-27 ta' Jannar 2020, il-Ministri ser jiġu mistiedna jiddiskutu l-elementi ewlenin tal-Komunikazzjoni marbutin mal-agrikoltura sabiex tingħata gwida dwar il-passi li jmiss. Bil-għan li d-dibattitu jkun strutturat, il-Presidenza ħejjiet tliet mistoqsijiet kif jidher hawn taħt.

Mistoqsijiet għall-Ministri

- 1) *Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jissuġġerixxi serje ta' politiki u miżuri ewlenin li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-objettiv li sal-2050 tinkiseb UE b'impatt newtrali fuq il-klima. Il-PAK futura tipprovdi qafas adegwat sabiex tintlaħaq din l-ambizzjoni?*
- 2) *Fil-qasam tal-agrikoltura, liema għodod oħra jistgħu jintużaw minbarra l-PAK futura sabiex isir kontribut għall-ambizzjonijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew?*
- 3) *Liema elementi tal-pakkett tqisu li huma partikolarment importanti biex jiġu eżaminati aktar fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd"?*